



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-461/21 P

**L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija
kontra
Aquind Ltd**

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tad-9 ta' Marzu 2023

“Appell – Enerġija – Regolament (KE) Nru 714/2009 – Artikolu 17 – Talba għal eżenzjoni dwar interkonnnessjoni tal-elettriku – Deċiżjoni ta' rifjut tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) – Regolament (KE) Nru 713/2009 – Artikolu 19 – Bord tal-Appell tal-ACER – Intensità tal-istħarriġ”

Aġenziji tal-Unjoni Ewropea – L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) – Proċedimenti ta' appell – Appell quddiem il-Bord tal-Appell tal-ACER – Appell ippreżentat kontra deċiżjoni tal-ACER li tiċħad talba għal eżenzjoni relatata mal-interkonnnessjonijiet tal-elettriku l-ġodda – Portata tal-istħarriġ – Evalwazzjoni ta' elementi fattwali ta' natura teknika u ekonomika kumplessi – Stħarriġ tal-legalità li ma huwiex limitat għall-evalwazzjoni ta' żbalji manifesti ta' evalwazzjoni

(Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 713/2009, Artikoli 18(1) u 19 u Nru 714/2009, Artikolu 17(1))

(ara l-punti 55 sa 72)

Sunt

Il-kumpannija Aquind Ltd hija l-promotur ta' proġett ta' interkonnnessjoni tal-elettriku li jgħaqqad in-network ta' trażmissjoni tal-elettriku Brittaniku u dak Franċiż. Għall-finijiet ta' dan il-proġett, Aquind Ltd ressqet, quddiem l-awtoritajiet regolatorji Franċiżi u Brittaniċi, talba għal eżenzjoni dwar l-interkonnnessjonijiet tal-elettriku l-ġodda skont l-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 714/2009 dwar kundizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku¹.

Billi l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ma waslux għal ftehim, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) ċaħdet it-talba għal eżenzjoni² minħabba li Aquind Ltd ma ssodisfatx il-kundizzjoni li l-livell ta' riskju assoċjat mal-investment għall-interkonnnessjoni l-ġdida huwa tali li dan l-investment ma jsirx jekk l-eżenzjoni ma tkunx ingħatat (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni tal-ACER”).

¹ Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar kundizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003 (ĠU 2009, L 211, p. 15).

² Deċiżjoni tal-ACER Nru 05/2018, tad-19 ta' Ġunju 2018.

Fuq appell ippreżentat minn Aquind Ltd, id-deċiżjoni tal-ACER ġiet ikkonfermata mill-Bord tal-Appell tal-ACER³ (iktar 'il quddiem il-“Bord tal-Appell”). Għalhekk, Aquind Ltd ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, li ntlaqat permezz ta' sentenza tat-18 ta' Novembru 2020, Aquind vs ACER⁴. F'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali b'mod partikolari kkonstatat li l-Bord tal-Appell kien wettaq żball ta' liġi meta llimita l-istħarriġ tiegħu tad-deċiżjoni tal-ACER għal dak tal-iżball manifest ta' evalwazzjoni.

Fuq appell ippreżentat mill-ACER, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, filwaqt li tagħmel preċiżazzjonijiet rigward l-intensità tal-istħarriġ li l-Bord tal-Appell huwa obligat jeżerċita fuq id-deċiżjonijiet tal-ACER dwar it-talbiet għal eżenzjoni.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari t-termini tagħha u l-għanijiet li għandhom jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti.

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-formulazzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi l-ACER, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li mid-dispożizzjonijiet tiegħu dwar il-kompożizzjoni, l-organizzazzjoni u s-setgħat tal-Bord tal-Appell⁵ ma jirriżultax espliċitament li l-istħarriġ ta' dan tal-aħħar fuq id-deċiżjonijiet tal-ACER li jimplika evalwazzjonijiet fuq kwistjonijiet ekonomiċi u tekniċi kumplessi huwa neċessarjament limitat għal dak tal-iżball manifest ta' evalwazzjoni.

Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-għanijiet imfittxija bil-ħolqien tal-Bord tal-Appell, għandu jiġi kkonstatat li dan il-ħolqien jagħmel parti minn approċċ globali, adottat mil-leġiżlatur tal-Unjoni, intiż sabiex l-aġenziji tal-Unjoni jingħataw korpi ta' appell meta jkunu ġew fdati setgħa ta' deċiżjoni dwar kwistjonijiet kumplessi fil-livell tekniku jew xjentifiku, li jista' jaffettwa direttament is-sitwazzjoni legali tal-partijiet ikkonċernati. Għalkemm dawn id-diversi korpi ta' appell jippreżentaw ċerti differenzi fir-rigward tal-istruttura tagħhom, tal-funzjonament tagħhom u tas-setgħat tagħhom, huma madankollu jaqsmu ċerti karatteristiċi komuni.

Fil-fatt, l-ewwel, tali korpi tal-appell, li huma korpi ta' rieżami amministrattiv, interni għall-aġenziji, għandhom ċerta indipendenza, jeżerċitaw funzjonijiet kważi ġudizzjarji permezz ta' proċeduri kontradittorji u huma komposti minn ġuristi kif ukoll minn esperti tekniċi, li jippermettilhom jiddeċiedu l-appelli kontra deċiżjonijiet li spiss ikollhom komponent tekniku qawwi. It-tieni, jistgħu jiġu aditi mid-destinatarji tad-deċiżjonijiet tal-aġenziji li jaqgħu taħthom kif ukoll mill-persuni fiżiċi u ġuridiċi direttament u individwalment ikkonċernati minn dawn id-deċiżjonijiet. It-tielet, huma jikkostitwixxu mekkaniżmu rapidu, aċċessibbli, speċjalizzat u li jiswa ftit flus sabiex jiġu protetti d-drittijiet tad-destinatarji u tal-persuni kkonċernati mill-imsemmija deċiżjonijiet.

Fir-rigward tal-Bord tal-Appell, il-Qorti tal-Ġustizzja tinnota li, skont il-proċedura applikabbli quddiem dan il-bord, kull persuna fiżika jew ġuridika, inklużi awtoritajiet regolatorji nazzjonali, tista' tappella kontra deċiżjoni tal-ACER li tkun destinatarja tagħha jew li tikkonċernaha direttament jew individwalment, mingħajr ma dan l-appell ikun suġġett għal kundizzjonijiet oħra

³ Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-ACER Nru A 001 2018, tas-17 ta' Ottubru 2018.

⁴ Sentenza tat-18 ta' Novembru 2020, Aquind vs ACER (T-735/18, EU:T:2020:542).

⁵ Artikoli 18 u 19 tar-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU 2009, L 211, p. 1).

ta' ammissibbiltà. Fir-rigward tal-kompożizzjoni tiegħu, il-Bord tal-Appell jinkludi membri li għandu jkollhom esperjenza preċedenti fis-settur tal-enerġija u għalhekk ikollha l-għarfien espert neċessarju sabiex tkun tista' twettaq hija stess sħarriġ komplet tal-evalwazzjonijiet ta' natura teknika u ekonomika kumplessi li jinsabu fid-deċiżjonijiet tal-ACER.

F'dan ir-rigward, l-eżistenza ta' differenzi bejn il-Bord tal-Appell u Bordijiet tal-Appell oħra, bħal dak tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), f'termini ta' għanijiet, ta' proċedura, ta' termini u ta' regolamenti tal-persunal, ma tistax ikollha effett fuq l-intensità tal-istħarriġ li dan il-bord huwa obligat iwettaq.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li l-ġurisprudenza dwar in-natura ristretta tal-istħarriġ li l-qorti tal-Unjoni teżerċita fuq l-evalwazzjonijiet ta' natura teknika, xjentifika u ekonomika kumplessi ma tistax tiġi trasposta għall-korpi tal-appell tal-aġenziji tal-Unjoni. Fil-fatt, sħarriġ limitat tal-Bord tal-Appell fuq l-evalwazzjonijiet ta' natura teknika u ekonomika jwassal sabiex il-qorti tal-Unjoni twettaq sħarriġ limitat fuq deċiżjoni li hija stess tkun ir-riżultat ta' sħarriġ ristrett. Issa, sistema ta' "sħarriġ ristrett fuq sħarriġ ristrett" ma toffrix il-garanziji ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva li minnhom għandhom jibbenefikaw l-impriżi li kienu ġew irrifjutati talba għal eżenzjoni.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-Qorti Ġenerali ġustament qieset li l-Bord tal-Appell kien wettaq żball ta' liġi meta ddeċieda li, fir-rigward tal-evalwazzjonijiet ta' natura teknika jew kumplessa, huwa seta' sempliċement jiddetermina jekk l-ACER kinitx wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni.